# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Illum it-Tnejn, 6 ta' Diċembru, 2021.**

**Rikors numru 1060/21/1 NC**

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 617/2015 fl-ismijiet:

**Daniel Coppini**

**v.**

**Mario Calleja u Mary Scicluna**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mario Calleja għal revoka jew riduzzjoni tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 617/2015 maħrug fuq talba ta' Daniel Coppini billi fil-mori tal-kawża bejn il-partijiet ġiet depożitata fil-Qorti s-somma ta' €34,394.70 u billi l-ewwel Qorti kkundannat lis-sekwestrant iħallas is-

somma ta' €12,500 mill-ammont pretiż fis-sekwestru ta' €25,000 sorti u €10,076.92 imgħax mit-28 ta' Frar 2011 sal-11 ta' April 2015.

Daniel Coppini rrisponda li s-sentenza ġiet appellata mill-istess Calleja u s-sekwestrant għamel appell inċidentali. Di piu s-sekwestrat ma speċifikax taħt liema raġuni skont l-Artikolu 836(1) qed jitlob ir-revoka jew riduzzjoni u illi *semmai* f'każ ta' eżitu favorevoli għas-sekwestrant irid jiżdied l-imgħax mill-2015 'il quddiem.

Hu minnu illi s-sekwestrant ma semmiex taħt liema ċirkostanza prevista mil-liġi qed jitlob ir-revoka, pero` l-Qorti tqis li t-talba tas-sekwestrat hi ġustifikata.

Bejn l-2015 u l-2020 saru erba' depożiti fl-atti tas-sekwestru li jammontaw għal €34,394.70. Din is-somma sa issa tagħmel tajjeb bejn wieħed u ieħor għas-sorti u imgħax allegatament dovut skont il-pretensjoni tas-sekwestrant. Għalhekk ma jistax jingħad li hemm il-ħtieġa li dan il-mandat jibqa' fis-seħħ jekk mhux limitatament għall-ammont li jinsab depożitat taħt l-awtorita` tal-Qorti.

Għalhekk il-Qorti tilqa' limitatament it-talba, b'dan il-mandat jibqa' fis-seħħ biss rigward il-flus depożitati fil-Qorti.

Spejjeż għas-sekwestrant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm